MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 81/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)
vs**

**BBK (Services) Ltd (C-19554) u Joseph Bonnici (ID141463M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Jannar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tnejn u sebghin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm472.39), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi telefoniku bin-numri 802718 u 802833 installati fi Triq Mahatma Ghandi, l-Fgura;
Illi l-konvenut Joseph Bonnici assuma r-responsabilita' ghall-hlas in solidum mas-socjeta` konvenuta BBK (Services) Ltd permezz ta' kuntratt ta' programm ta' pagamenti datat 12 ta' Novembru, 2002 ;
Illi nterpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghal hlas il-konvenuti baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir**

**din il-kawza kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**
**Bl- ispejjez u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-16 ta' Mejju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenuti. Ra li l-konvenuti baqghu ma dehrux u lanqas ma pprezentaw risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u tnejn u sebghin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm472.39), bl-imghax legali mil-5 ta' Mejju, 2005, u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------